Methods
www.languages.dk

Programme d'éducation
et de formation
tout au long de la vie

Methods ġie ffinanzjat bis-sosten tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti l-fehmiet tal-awtur biss, u l-Kummissjoni ma' tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha.





**Ejjew niġbru flimkien il-proġetti tagħna!**
**Issieħeb ma' Methods issa**
**imejl cl@sde.dk**




www.languages.dk/methods



Dan il-kors ġie stabbilit għal aktar kooperazzjoni u taqsim ta' riżultati.

# Methods
www.languages.dk

Jekk int tagħmel parti minn xi proġett tal-lingwi (jew jekk diġa lestejt wieħed) jekk jogħġbok ikkunsidra li tagħmel ġbir tar-riżultati magħna u ma' proġetti tat-tagħlim tal-lingwi oħra. Permezz ta' din il-kooperazzjoni nistgħu nilħqu aktar lill-utent aħħari tagħna u b'hekk noħolqu impatt sinnifikanti. Bit-taqsim tal-informazzjoni u tar-riżultati aħna nevitaw li nerġgħu nivvintaw ir-rota.

Methods huwa proġett ToI (Transfer of Innovation), ibbażat fuq il-proġett BP-BLTM u huwa sostnut minn Leonardo, li wassal manwali deskrittivi b'ħames metodi ta' tagħlim kommunikattiv tal-lingwi, kompluti b'materjal ta' tagħlim lest sabiex jintuża fil-klassijiet. Il-manwali ġew ikkumplimentati b'vidjows li juru l-ħames metodi. L-għan ta' Pools-m huwa li l-materjal għall-użu jiġi adattat u trasferit ġewwa Franza (Guadeloupe), Malta u l-Slovenja, kif ukoll sabiex jiġi żvillupat materjal għat-tagħlim ta' dawn il-lingwi. Madanakollu, huwa ukoll l-għan tagħna li nagħmlu raggruppament ma' proġetti tal-lingwi oħra.

Ħalli li s-sit elletroniku ta' Methods iservi bħala portal u link għar-riżultati tiegħek. Mis-sit tista' taċċessa ukoll materjal copyleft tat-tagħlim tal-lingwi u manwali ta' metodi li tista' tinkludi fil-proġetti tiegħek stess.

Sibna fuq Facebbok: http://www.facebook.com/Pools.methods





www.languages.dk/methods



**Il-prodotti tal-proġett jinkludu:**
Vidjow-librerija (permezz ta' DVD u onlajn) b'kummenti rrekordjati dwar il-metodi użati fil-klassi. Il-vidjows ser ikollhom sotto-titli bil-Franċiż, bil-Malti u bl-Sloven.

Manwal b'deskrizzjoni tal-metodi, istruzzjonijiet u materjal lest li jista' jiġi kkupjat u użat bil-Franċiż, bil-Malti u bl-Sloven.

Kors gwida b'korsijiet ta' taħriġ għall-għalliema dwar kif tuża dawn il-metodi.

Materjal lest sabiex jintuża għat-tagħlim ibbażat fuq metodi ta' tagħlim tal-lingwi differenti; bil-Franċiż, bil-Malti jew bl-Sloven.

Gwida għall-istudenti li qed jippreparaw għall-esperjenza ta' xogħol u ta' mobilità.

Korsijiet pilota għall-għalliema madwar Guadeloupe, Malta u l-Slovenja.

Sit elettroniku bil-materjal kollu lest biex jitniżżel b'xejn, eż. Manwali, gwidi, materjal ta' tagħlim, u vidjows (b'format ta' streaming).

Is-sit tal-proġett huwa www.languages.dk/methods sit li diġa għandu aktar minn 100,000 viżitatur individwali ta' kull sena (u meta tfittex "language teaching methods" is-sit huwa pożizzjonat tajjeb fuq l-ewwel paġna ta' Bing, Yahoo u Google).

**Il-Metodi li l-proġett huwa bbażat fuqhom huma:** Computer Assisted Language Learning (CALL, tagħlim tal-lingwi assistit bil-kompjuters). Task Based Learning. Tandem Learning. Simulazjonijiet. Physical, Emotional & Cultural Approach (PHYEMOC)

**Il-manwali u l-materjal kollu huma "copyleft"**, li jfisser li dawn jistgħu jiġu kkuppjati, użati liberament u editjajti sakemm il-verżjonijiet il-ġodda huma wkoll copyleft.

**Il-Bżonn ta' dokumentazzjoni:** Ma' sar ebda titjib komplut fil-metodi ta' tagħlim tal-lingwi fil-VET u għaldaqstant hemm nuqqas ta' kommunikazzjoni fil-lingwi mira: "It-tagħlim tal-linjigwida f'lingwi barranin jitfa' enfasi fuq il-ħiliet ta' kommunikazzjoni kollha – Safrattant kemm l-għalliema u kemm l-istudenti jagħmlu użu mhux frekwenti tal-lingwa mira fil-klassi "Eurydice Key Data on Teaching Languages at School in Europe 2012".

Skont is-sondaġġ tal-Eurobarometer "Id-diffikulta' fil-lingwi barranin hija bla dubju ta' xejn l-akbar problema li tiġi f'moħħ studenti żgħażagħ Ewropej li jaħsbuwha jiġux jaħdmu jew jistudjaw barra". Il-proficjenza lingwistika hija strument ewlieni għall-ftehim komuni bejn iċ-ċittadini tal-Ewropa u sabiex nisfruttaw il-kultura u l-wirt għani tal-Ewropa.



**Dan il-proġett jibni fuq riżultati** minn proġetti passati (BP-BLTM) kif wkoll fuq riżultati minn proġetti oħra; is-sħubija tfittex proġetti eż. Involuti fik-CLIL (Content and Language Integrated Learning) u tfittex sabiex tiraggruphom ma' dawn il-proġetti u tiżgura l-iskambju tal-kompetenza u riżultati, u tikseb impatt aktar wiesa' permezz ta' dissemi-nazzjoni konġunta.